DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 170026** **06.01.2017**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

B'referenza għall-artikolu ntitolat *"Speaker to spend €10,000 on official cufflinks"* minn Ivan Camilleri li deher f'*The Times*, illum, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia jixtieq jiċċara xi punti.

Fir-reklutaġġ ta' impjegati l-Uffiċċju tal-Ispeaker għadu juża l-proċeduri applikabbli għall-impieg mas-Servizz Pubbliku. Tant hu hekk li għadu jsir rikors lejn il-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku kif ukoll lejn il-People's and Standards Division fir-rigward tal-proċessi ta' għażla li għaddejjin bħalissa. Dan qiegħed isir għaliex l-Uffiċċju jħoss li bl-awtonomija waqgħet iktar responsabbiltà fuqu f'dan ir-rigward u allura jrid ikun ċert li jimxi ma' regoli stabbiliti li jassiguraw il-korrettezza.

Għal dak li għandu x'jaqsam max-xiri tal-*mementos*, irid jingħad li l-Uffiċċju mexa bl-aktar mod trasparenti u korrett u dan billi ġiet ippubblikata notifika fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Diċembru 2016 (Call for Quotations for the supply of HOR Cufflinks complete with Gift Box HOR/Q6/2016 published in the Government Gazette on 2 December 2016), l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott rikjest ġew imqiegħda għall-ispezzjoni pubblika u wkoll ġiet konsultata l-awtorità relattiva dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata f'kull fażi tal-proċess.

Rigward il-punt dwar il-prestiġju ta' dawn il-*mementos* irid jingħad li mhux l-ewwel darba li fi żjarat inter-parlamentari, ġie użat dan il-prodott partikolari. Barra minn hekk wieħed irid jieħu inkonsiderazzjoni li f'numru kbir ta' istituzzjonijiet jeżistu regoli li ma jippermettux skambju ta' rigali ta' iktar minn ċertu valur, ħaġa li dan l-Uffiċċju qed jipproponi li tidħol fil-kodiċi ta' etika li hemm anness mal-Abbozz dwar *Standards* fil-Ħajja Pubblika.

**Attachments: none** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**